

Suġġett

Appell imressaq kontra d-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-5 ta' Settembru 2006, AEPI vs Il-Kummissjoni (T-242/05) — Inammissibbiltà ta' talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tibdiex il-proċedura għall-kons-tatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ellenika

Dispożittiv

- 1) L-appell hu miċħud.
- 2) AEPI Elliniki Etaireia pros Prostan tis Pnevmatikis Idioktiasias AE hi ordnata tbatl l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 356, 30.12.2006.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-4 ta' Ottu-bru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato, l-Italja) — Consorzio Elisoccorso San Raffaele vs Elilombarda s.r.l., Azienda Ospedaliera Ospedale Niguarda Ca' Granda di Milano

(Kawża C-492/06) (¹)

(Kuntratti pubbliċi — Direttiva 89/665/KEE — Proċedura ta' appell għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi — Persuni li għalihom il-proċeduri ta' appell jistgħu jkunu aċċessibbli — Assoċjazzjoni temporanja offerenti — Dritt għal kull membru ta' assoċjazzjoni temporanja li jressaq rikors individwalment)

(2007/C 297/33)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Consorzio Elisoccorso San Raffaele

Konvenuti: Elilombarda s.r.l., Azienda Ospedaliera Ospedale Niguarda Ca' Granda di Milano

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dis-

pożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' appell għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, p. 33) — Ġurisprudenza nazzjonali li tirrikonoxxi d-dritt ta' appell individwali, kontra d-deċiżjoni ta' attribuzzjoni, lil wieħed mill-membri ta' assoċjazzjoni temporanja offerenti

Dispożittiv

L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' appell għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi, kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, skond id-dritt nazzjonali, wieħed biss mill-membri ta' assoċjazzjoni temporanja mingħajr personalità ġuridika li pparteċipa, bħala tali, għal proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku u li ma jkunx ingħata l-imsemmi kuntratt, ikun jista' jagħmel, individwalment, rikors kontra d-deċiżjoni ta' għoti tiegħu.

(¹) ĠU C 20, 27.1.2007.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (Civil Division) (England and Wales) fit-13 ta' Settembru 2007 — Meletis Apostolides vs David Charles Orams, Linda Elizabeth Orams

(Kawża C-420/07)

(2007/C 297/34)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal (Civil Division) (England and Wales)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Meletis Apostolides

Konvenuti: David Charles Orams, Linda Elizabeth Orams

Domandi preliminari

1) F'din id-domanda,

— “arej kkontrollata mill-Gvern” tirreferi għall-arej tar-Repubblika ta' Ċipru li fuqha l-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv; u